MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2121/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Ronald Pace abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Ronald Pace**
**vs**
**Alexis Cauchi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltin u sitta u sittin centemzu (Lm639.66) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Ronald Pace assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' erba' mija u disgha u tletin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu**

(Lm439.66) is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) l-istess Ronald Pace in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Awissu, 2002 ghall-habta tal-08.00 am. gewwa Triq Hal Ferh, Mosta, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Ronald Pace, bin-numru ta' registrazzjoni COR 007 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni POL 083, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju, 2003 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Citadel Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju, 2003 kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

B'verbal tas-27 ta' Novembru, 2003 il-konvenuta qed tikkontesta t-talba attrici.

Semgha x-xhieda ta' PS 1225 Mario Fenech, PC1586 Ronnie Attard, Luciano Caruana, Brendan Pace, Marion Camilleri, Alexis Cauchi, Miriam Camilleri, Alfred Farrugia. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza qed issir ghad-danni sofferti mill-attur Ronald Pace assikurat mas-socjeta` attrici, u dana bhala konsegwenza ta' kollizjoni li sehhet fl-14 ta' Awissu, 2002 fit-8 a.m. fi Triq Hal Ferh, Mosta, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COR-007 misjuqa minn Brandon Pace u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni POL-083 misjuqa mill-konvenuta.
2. Il-konvenuta qed tichad li habtet mal-attur.
3. Skond ir-road accident report Dok.A esebit, Brandon Pace stqarr li l-konvenuta kienet ghan-nizla fil-karreggata zbaljata filwaqt li hu kien tiela fil-

**karreggata tieghu mid-direzzjoni opposta. Biex jevitha dahal fil-hajt. Il-konvenuta qed tichad li kienet fuq in-naha zbaljata tat-triq, pero` ma tichadx li kienet ghaddejja minn hemm.**

**4. Skond Brandon Pace il-konvenuta kienet qabzet id-"double white line" u invadiet il-karreggata tieghu. Biex jevitha habat fil-hajt, filwaqt li hi baqghet sejra. Pace jispjega li mar ghal warajha sa Hal ferh fejn tahdem il-konvenuta. Pace hemm avvicinaha u jghid: "Hi qaltli li kellha blackout u ma tafx x'gara. Baghtitni ghand tillar biex nara xi spejjez hemm." Pace fil-fatt mar ghand tillar, u meta cemplilha biex jinfurmaha dwar l-ispejjez, il-konvenuta qaltlu li ma kelliex x'taqsam.**

**5. In sostenn ta' dak li qed jghid, Brandon Pace tella' bhala xhud lil Marion Camilleri li wkoll tahdem Hal Ferh. Din tikkonferma dak li qal Pace fis-sens li l-konvenuta ammettiet it-tort u li qaltlu jmur ghand tillar. Hi kienet prezenti meta Pace kellem lill-konvenuta. Skond il-konvenuta din ix-xhud kienet ghamlet zmien tohrog ma' Pace u kienet habiba tieghu. Pero` anke jekk kien hekk, ma hemm ebda raguni l-ghala ma ghandhiex titqies kredibbli x-xhieda li taghat Camilleri.**

**6. Ghalhekk jirrizulta li dan l-incident tassew sehh minhabba li l-konvenuta, ghal xi raguni mhux maghrufa, qabzet id-"double white line" u nvadiet il-karreggata li minnha kien gej Brandon Pace. Bil-manuvra taghha, il-konvenuta holqot sitwazzjoni perikoluza hafna, tant li biex jevita l-kollizzjoni Pace kellu jikser ghal gol-hajt. It-Tribunal jinsab soddisfatt li kien hemm ammissjoni tat-tort da parti tal-konvenuta kif fuq inghad. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tirrispondi ghad-danni li sofra l-attur.**

**7. Dwar id-danni hemm ix-xhieda tas-surveyor tas-socjeta` attrici, Alfred Farrugia. Dan jikkonferma s-survey Dok.LC1 a fol. 30 tal-process. Id-danni huma skond ma jirrizulta mill-ricevuti u invoices esebiti Dok.LC2 sa Dok.LC9, u dana fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta pruvata, qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-**

**konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' erba' mija u disgha u tletin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm439.66), u lil Ronald Pace s-somma ta' mitejn Lira Maltija (Lm200.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju, 2003 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Citadel Insurance plc, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------